Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

2025/0395(COD)

3.7.2026

EMENDI
17 - 94

Abbozz ta' rapport
Ingeborg Ter Laak
(PE788.916v01-00)

Is-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji u għall-iskart ta' batteriji u għall-imballaġġ u għall-iskart mill-imballaġġ

Proposta għal regolament
(COM(2025)0982 – 2025/0395(COD))

Emenda 17
Emma Fourreau, Sebastian Everding, Catarina Martins, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad [il-proposta tal-Kummissjoni].

Or. en

Emenda 18
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jissospendi l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi ***għall-batteriji u għall-iskart ta' batteriji u*** għall-imballaġġ u għall-iskart mill-imballaġġ (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jissospendi l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-imballaġġ u għall-iskart mill-imballaġġ (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu — kwalunkwe referenza għal batteriji u skart ta' batteriji għandha titħassar)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex xieraq li jiġu sospiżi d-dispożizzjonijiet tal-liġijiet li diġà huma applikabbli bis-sħiħ. Id-dispożizzjonijiet tal-EPR tar-Regolament dwar il-Batteriji ilhom applikabbli mit-18 ta' Frar 2024 għal skemi ġodda tal-EPR (u mit-18 ta' Awwissu 2025 għal skemi tal-EPR li ġew stabbiliti qabel l-4 ta' Lulju 2018). Is-sospensjoni għandha tapplika biss fis-sens ta' "waqqaf l-arloġġ" għad-dispożizzjonijiet tal-EPR li għadhom mhumiex applikabbli. Għalhekk, jenħtieġ li r-referenza għar-Regolament dwar il-Batteriji titħassar.

Emenda 19
Emma Fourreau, Catarina Martins, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-linji gwida politiċi għall-mandat tal-Kummissjoni għall-2024-2029[3]jindikaw l-għan li tiġi ssimplifikata, ikkonsolidata u kkodifikata l-leġiżlazzjoni biex tiġi eliminata kwalunkwe duplikazzjoni u kontradizzjoni filwaqt li jinżammu standards għoljin u tinżamm it-triq it-tajba lejn l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.	***imħassar***
[3] L-Għażla Quddiem l-Ewropa, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024−2029, Ursula von der Leyen.	

Or. en

Emenda 20
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Roman Haider, Marie-Luce Brasier-Clain, Antonín Staněk, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-linji gwida politiċi għall-mandat tal-Kummissjoni għall-2024-2029[3]jindikaw l-għan li tiġi ssimplifikata, ikkonsolidata u kkodifikata l-leġiżlazzjoni biex tiġi eliminata kwalunkwe duplikazzjoni u kontradizzjoni ***filwaqt li jinżammu standards għoljin u tinżamm it-triq it-tajba lejn l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew***.	(1) Il-linji gwida politiċi għall-mandat tal-Kummissjoni għall-2024-2029[3] jindikaw l-għan li tiġi ssimplifikata, ikkonsolidata u kkodifikata l-leġiżlazzjoni biex tiġi eliminata kwalunkwe duplikazzjoni u kontradizzjoni ***sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozji***.
[3] L-Għażla Quddiem l-Ewropa, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni	[3] L-Għażla Quddiem l-Ewropa, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni

Ewropea li jmiss 2024−2029, Ursula von der Leyen.	Ewropea li jmiss 2024−2029, Ursula von der Leyen.

Or. fr

Emenda 21
Emma Fourreau, Catarina Martins, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni",[4] il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet viżjoni għal aġenda ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni li twassal għal titjib rapidu u viżibbli għan-nies u għan-negozji fil-prattika. Dan jirrikjedi aktar minn approċċ inkrementali u l-Unjoni għandha tieħu azzjoni kuraġġuża biex tilħaq dak l-għan. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-livelli kollha u l-partijiet ikkonċernati jeħtieġu jaħdmu id f'id biex jirrazzjonalizzaw u jissimplifikaw ir-regoli tal-UE, ir-regoli nazzjonali u dawk reġjonali u biex jimplimentaw il-politiki b'mod aktar effettiv.	***imħassar***
[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Frar 2025, "Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni", COM/2025/47 final.	

Or. en

Emenda 22
Emma Fourreau, Catarina Martins, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija għas-Suq Uniku[5], il-Kummissjoni identifikat bħala ostaklu għas-suq intern il-fatt li n-negozji jiffaċċjaw regolamenti nazzjonali inkonsistenti li jagħmluha aktar diffiċli li jbigħu, jespandu jew iċaqalqu l-oġġetti u s-servizzi bejn il-fruntieri. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiffoka fuq l-għaxar ostakli l-aktar ta' ħsara bħala prijorità. Il-Komunikazzjoni identifikat ċerti karatteristiċi tal-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur bħala wieħed mill-ostakli li huma rrapportati l-aktar ta' spiss mill-kumpaniji li joperaw b'mod transfruntier fl-Unjoni. Filwaqt li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur huma derivati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, nuqqas ta' uniformità fil-prinċipji u fir-rekwiżiti wassal għal diversità kbira fl-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi stabbiliti fl-Istati Membri kif ukoll għal kumplessità regolatorja u piż amministrattiv kbir għall-kumpaniji. Dan ir-Regolament huwa l-ewwel pass lejn simplifikazzjoni aktar profonda tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fil-qasam tal-iskart, filwaqt li l-att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari jenħtieġ li jipprevedi simplifikazzjoni ulterjuri.	***imħassar***

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu", COM(2025) 500 final.

Or. en

Emenda 23

Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Roman Haider, Marie-Luce Brasier-Clain, Antonín Staněk, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija għas-Suq Uniku[5], il-Kummissjoni identifikat bħala ostaklu għas-suq intern il-fatt li n-negozji jiffaċċjaw regolamenti nazzjonali inkonsistenti li jagħmluha aktar diffiċli li jbigħu, jespandu jew iċaqalqu l-oġġetti u s-servizzi bejn il-fruntieri. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiffoka fuq l-għaxar ostakli l-aktar ta' ħsara bħala prijorità. Il-Komunikazzjoni identifikat ċerti karatteristiċi tal-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur bħala wieħed mill-ostakli li huma rrapportati l-aktar ta' spiss mill-kumpaniji li joperaw b'mod transfruntier fl-Unjoni. Filwaqt li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur huma derivati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, nuqqas ta' uniformità fil-prinċipji u fir-rekwiżiti wassal għal diversità kbira fl-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi stabbiliti fl-Istati Membri kif ukoll għal kumplessità regolatorja u piż amministrattiv kbir għall-kumpaniji. Dan ir-Regolament huwa l-ewwel pass lejn simplifikazzjoni aktar profonda tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fil-qasam tal-iskart, filwaqt li l-att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari jenħtieġ li jipprevedi simplifikazzjoni ulterjuri.	(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija għas-Suq Uniku[5], il-Kummissjoni identifikat bħala ostaklu għas-suq intern il-fatt li n-negozji jiffaċċjaw regolamenti nazzjonali inkonsistenti li jagħmluha aktar diffiċli li jbigħu, jespandu jew iċaqalqu l-oġġetti u s-servizzi bejn il-fruntieri. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiffoka fuq l-għaxar ostakli l-aktar ta' ħsara bħala prijorità. Il-Komunikazzjoni identifikat ċerti karatteristiċi tal-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur bħala wieħed mill-ostakli li huma rrapportati l-aktar ta' spiss mill-kumpaniji li joperaw b'mod transfruntier fl-Unjoni. Filwaqt li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur huma derivati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, nuqqas ta' uniformità fil-prinċipji u fir-rekwiżiti wassal għal diversità kbira fl-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi stabbiliti fl-Istati Membri kif ukoll għal kumplessità regolatorja u piż amministrattiv kbir għall-kumpaniji. Dan ir-Regolament huwa l-ewwel pass lejn simplifikazzjoni aktar profonda tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fil-qasam tal-iskart, filwaqt li l-att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari jenħtieġ li jipprevedi simplifikazzjoni ulterjuri ***filwaqt li jqis ukoll iċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru***.
[5] ***Il-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu", COM(2025) 500 final.	[5] ***Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "***Is-Suq Uniku: is-suq intern Ewropew tagħna f'dinja inċerta*** Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu", COM(2025) 500 final.

Emenda 24
Delara Burkhardt, Elisabeth Grossmann
f'isem il-Grupp S&D
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-batteriji diġà huma operazzjonali u qed jiffunzjonaw f'ħafna Stati Membri. Kwalunkwe sospensjoni jew modifika tal-obbligi ta' konformità relatati jenħtieġ li titwettaq biss b'valutazzjonijiet tal-impatt xierqa biex ma jkunx hemm riskju li jiġu mminati l-istrutturi stabbiliti ta' finanzjament u infurzar. B'kuntrast ma' dan, is-sistemi tal-EPR għall-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ għadhom fil-proċess li jiġu implimentati bis-sħiħ jew żviluppati aktar madwar l-Unjoni. Għalhekk, miżuri tranżizzjonali mmirati u proporzjonati jistgħu jkunu xierqa biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fis-suq għall-mikrointrapriżi mingħajr ma jfixklu s-sistemi li jiffunzjonaw. B'dan ir-Regolament, huwa għalhekk xieraq li kwalunkwe sospensjoni temporanja tal-obbligu li jinħatar rappreżentant awtorizzat tiġi limitata strettament għall-mikrointrapriżi stabbiliti fl-Unjoni u għall-oqsma ta' prodotti fejn is-sistemi tal-EPR għadhom mhumiex kompletament operazzjonali fil-livell tal-Unjoni, jiġifieri prodotti tal-imballaġġ u imballati, filwaqt li jinżammu r-rekwiżiti eżistenti għas-setturi b'oqfsa ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti u li jiffunzjonaw.

Or. en

Emenda 25
Ana Vasconcelos, Jeannette Baljeu

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-produtturi li jintroduċu prodotti fis-suq f'diversi Stati Membri bħalissa huma soġġetti għal proċeduri ta' reġistrazzjoni, formati ta' rapportar u rekwiżiti ta' informazzjoni diverġenti skont l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Tali frammentazzjoni toħloq piżijiet amministrattivi u kostijiet ta' konformità bla bżonn u tista' xxekkel il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Sabiex jappoġġaw il-moviment liberu tal-oġġetti filwaqt li jiżguraw implimentazzjoni u infurzar effettivi tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jenħtieġ li l-Istati Membri jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjonijiet tal-produtturi, l-istatus ta' konformità u l-azzjonijiet ta' infurzar. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Unjoni tinkoraġġixxi sistemi diġitali interoperabbli u rekwiżiti komuni ta' rapportar li jippermettu lill-produtturi jissodisfaw l-obbligi amministrattivi madwar l-Unjoni permezz ta' proċeduri simplifikati u armonizzati.

Or. en

Emenda 26
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk il-liġijiet tal-Unjoni li stabbilew l-obbligu li

jiġu stabbiliti skemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-produttur, iżda li kienu għadhom mhux meħtieġa li jiġu stabbiliti sal-10 ta' Diċembru 2025.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Suspending rules with regard to the appointment of authorised representatives for economic operators placing products on the market in a country in which they are not established in the context of EXISTING EPR schemes (such as for batteries) risks undermining the proper financing of EPR schemes, creating problems of enforcement, increasing the risk of free-riders and thus penalizing economic operators established in that country. It is not appropriate to suspend provisions of laws which are already fully applicable. It would only make things worse pending the adoption of a new system under the Circular Economy Act.

Emenda 27
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Il-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jibqgħu temporanji, sa ma jiġi applikat l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li jmiss kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2026. L-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari huwa mistenni jistabbilixxi qafas orizzontali komprensiv, koerenti u ġust tar-responsabbiltajiet estiżi tal-produttur, inkluż dwar l-obbligu li jinħatar rappreżentant awtorizzat fl-Istati Membri fejn kumpanija ma tkunx stabbilita. Dan jista' jinkiseb l-aħjar jew permezz ta' sistema ta' punt uniku diġitali għall-UE kollha, jew permezz ta' network ta' sistemi nazzjonali interoperabbli b'kopertura għall-UE kollha bbażati fuq formati armonizzati tad-data. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jieqaf japplika ladarba dik is-sistema orizzontali ssir applikabbli sabiex tiġi pprovduta konsistenza legali. Il-kamp ta'

applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu tal-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat skont l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-durata tas-sospensjoni trid tkun limitata fiż-żmien sa ma tkun applikabbli sistema riveduta. Il-PE għandu jaħtaf l-opportunità biex jesprimi kif il-kwistjoni tista'/għandha tiġi indirizzata fil-kuntest tal-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari. F'dak il-kuntest, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-att sospensiv fir-rigward tal-atturi kkonċernati ma għandux jippreġudika l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu tal-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat skont l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Emenda 28
Emma Fourreau, Catarina Martins, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) B'mod partikolari, minħabba dak in-nuqqas ta' armonizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kurrenti fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, it-twettiq tal-obbligi relatati mal-ħatra jista' jirriżulta f'piż amministrattiv bla bżonn fuq il-produtturi li joperaw f'bosta Stati Membri fejn huma ma jkunux stabbiliti fihom. B'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-obbligu li jinħatru rappreżentanti awtorizzati separatament f'kull Stat Membru fejn il-produttur jintroduċi prodotti fis-suq jippreżenta sfida sinifikanti f'termini tal-kostijiet. Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-produtturi stabbiliti fl-Unjoni, huwa importanti li l-produtturi jkunu soġġetti għall-istess regoli fl-Istati Membri kollha għall-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi.	***imħassar***

Il-qafas legali li bħalissa huwa frammentat għal prodotti differenti u l-piż amministrattiv assoċjat mal-issodisfar tar-rekwiżit li jinħatar rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'mhux aktar minn 26 Stat Membru qed ixekkel il-kompetittività tal-produtturi stabbiliti fl-Unjoni. Għalhekk huwa kruċjali li r-regoli eżistenti jiġu armonizzati b'mod effettiv u minnufih, biex jitnaqqsu l-piżijiet assoċjati fuq dawn il-produtturi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tirrieżamina l-effettività, il-piż amministrattiv u l-ostakli mhux intenzjonati għas-suq intern, tal-obbligu li taħtar rappreżentanti awtorizzati bħala salvagwardja għall-konformità tal-produtturi mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Dan ir-rieżami x'aktarx li jwassal għal soluzzjonijiet alternattivi li huma aktar effettivi u inqas ta' piż.

Or. en

Emenda 29
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***B'mod partikolari***, minħabba ***dak in-nuqqas ta' armonizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kurrenti fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-ħatra ta'*** rappreżentant awtorizzat ***għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, it-twettiq tal-obbligi relatati mal-ħatra jista' jirriżulta f'piż amministrattiv bla bżonn fuq il-produtturi li joperaw f'bosta Stati Membri fejn*** huma ma jkunux stabbiliti fihom***. B'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***, l-obbligu li jinħatru rappreżentanti awtorizzati ***separatament f'kull Stat Membru fejn il-produttur***	(4) ***Il-piż amministrattiv assoċjat mal-ħatra ta' rappreżentanti awtorizzati għall-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jista' jkun sproporzjonat għall-mikrointrapriżi li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet transfruntiera fl-Unjoni***, minħabba ***l-kapaċità amministrattiva u finanzjarja limitata tagħhom. Filwaqt li l-mikrointrapriżi jirrappreżentaw bil-bosta l-akbar għadd ta' kumpaniji attivi fis-suq tal-Unjoni, dawn jirrappreżentaw biss sehem żgħir ħafna tal-volum ġenerali tal-imballaġġ imqiegħed fis-suq. Għalhekk, sospensjoni mmirata u temporanja tal-obbligu li jinħatar*** rappreżentant

jintroduċi prodotti fis-suq jippreżenta sfida sinifikanti f'termini tal-kostijiet. Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-produtturi stabbiliti fl-Unjoni, huwa importanti li l-produtturi jkunu soġġetti għall-istess regoli fl-Istati Membri kollha għall-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Il-qafas legali li bħalissa huwa frammentat għal prodotti differenti u l-piż amministrattiv assoċjat mal-issodisfar tar-rekwiżit li jinħatar rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'mhux aktar minn ***26 Stat Membru qed ixekkel il-kompetittività tal-produtturi stabbiliti fl-Unjoni***. ***Għalhekk huwa kruċjali li r-regoli eżistenti jiġu armonizzati b'mod effettiv u minnufih, biex jitnaqqsu l-piżijiet assoċjati fuq dawn il-produtturi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tirrieżamina l-effettività, il-piż amministrattiv u l-ostakli mhux intenzjonati għas-suq intern, tal-obbligu li taħtar rappreżentanti awtorizzati bħala salvagwardja għall-konformità tal-produtturi mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Dan ir-rieżami x'aktarx li jwassal għal soluzzjonijiet alternattivi li huma aktar effettivi u inqas ta' piż.***

awtorizzat ***għall-mikrointrapriżi, dment li*** huma ***jqiegħdu biss ammonti limitati ta' imballaġġ fis-suq f'pajjiżi li*** ma jkunux stabbiliti fihom***, jenħtieġ li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi bla bżonn fejn ikunu l-aktar sinifikanti***, ***filwaqt li tippreserva*** l-obbligu li jinħatru rappreżentanti awtorizzati ***għal kumpaniji akbar bħal intrapriżi żgħar, medji u kbar, li min-naħa tagħhom huma responsabbli għal*** aktar minn ***90 % tal-volum tal-imballaġġ magħmul disponibbli fis-suq***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mikrokumpaniji jammontaw għal aktar minn 90 % tal-kumpaniji li jagħmlu l-imballaġġ disponibbli fis-suq skont l-għadd, iżda għal 25 % biss skont il-volum. Il-kumpaniji ż-żgħar jammontaw għal madwar 5 % tal-kumpaniji li jagħmlu l-imballaġġ disponibbli fis-suq skont l-għadd, iżda b'volum ta' 8-15 %. Għalhekk ikun aċċettabbli li l-mikrokumpaniji jiġu eżentati temporanjament, iżda mhux il-kumpaniji ż-żgħar, peress li jirrappreżentaw volum importanti iżda numru ferm aktar baxx meta mqabbla mal-mikrokumpaniji [Ċifri mnn riċerka bbażata fuq l-IA]. Iżda l-eżenzjoni għall-mikrokumpaniji għandha tkun soġġetta wkoll għal livell limitu tat-tunnellaġġ.

Emenda 30
Delara Burkhardt, Elisabeth Grossmann
f'isem il-Grupp S&D
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) B'mod partikolari, minħabba dak in-nuqqas ta' armonizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kurrenti fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, it-twettiq tal-obbligi relatati mal-ħatra jista' jirriżulta f'piż amministrattiv bla bżonn fuq il-produtturi li joperaw f'bosta Stati Membri fejn huma ma jkunux stabbiliti fihom. B'mod partikolari ***għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***, l-obbligu li jinħatru rappreżentanti awtorizzati separatament f'kull Stat Membru fejn il-produttur jintroduċi prodotti fis-suq jippreżenta sfida sinifikanti f'termini tal-kostijiet. ***Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-produtturi stabbiliti fl-Unjoni, huwa importanti li l-produtturi jkunu soġġetti għall-istess regoli fl-Istati Membri kollha għall-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi***. Il-qafas legali li bħalissa huwa frammentat għal prodotti differenti u l-piż amministrattiv assoċjat mal-issodisfar tar-rekwiżit li jinħatar rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur ***f'mhux aktar minn*** 26 Stat Membru ***qed ixekkel*** il-kompetittività tal-produtturi stabbiliti fl-Unjoni. Għalhekk huwa kruċjali li r-regoli eżistenti jiġu armonizzati b'mod effettiv u minnufih, biex jitnaqqsu l-piżijiet assoċjati fuq ***dawn il-produtturi***. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tirrieżamina l-effettività, il-piż amministrattiv u l-ostakli mhux intenzjonati għas-suq intern, tal-obbligu li taħtar rappreżentanti awtorizzati bħala salvagwardja għall-konformità tal-produtturi mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Dan ir-rieżami x'aktarx li jwassal għal soluzzjonijiet alternattivi li huma aktar effettivi u inqas ta' piż.	(4) B'mod partikolari, minħabba dak in-nuqqas ta' armonizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kurrenti fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, it-twettiq tal-obbligi relatati mal-ħatra jista' jirriżulta f'piż amministrattiv bla bżonn fuq il-produtturi li joperaw f'bosta Stati Membri fejn huma ma jkunux stabbiliti fihom. B'mod partikolari ***għall-mikrointrapriżi***, l-obbligu li jinħatru rappreżentanti awtorizzati separatament f'kull Stat Membru fejn il-produttur jintroduċi prodotti fis-suq jippreżenta sfida sinifikanti f'termini tal-kostijiet. ***Dawk il-mikrointrapriżi jenħtieġ li jinftiehmu b'referenza għal-livelli limiti l-aktar reċenti tal-Unjoni għall-mikrointrapriżi, jiġifieri intrapriżi li ma jaqbżux mill-inqas tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin: total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 450 000, fatturat nett ta' EUR 900 000 u għadd medju ta' 10 impjegati matul is-sena finanzjarja, kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/34/UE, kif emendata bl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2023/2775***. Il-qafas legali li bħalissa huwa frammentat għal prodotti differenti u l-piż amministrattiv assoċjat mal-issodisfar tar-rekwiżit li jinħatar rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur ***f'massimu ta'*** 26 Stat Membru ***jista' jxekkel*** il-kompetittività tal-produtturi stabbiliti fl-Unjoni. Għalhekk huwa kruċjali li r-regoli eżistenti jiġu armonizzati b'mod effettiv u minnufih, biex jitnaqqsu l-piżijiet assoċjati fuq ***tali mikrointrapriżi***. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tirrieżamina l-effettività, il-piż amministrattiv u l-ostakli mhux intenzjonati għas-suq intern, tal-obbligu li taħtar rappreżentanti awtorizzati bħala

salvagwardja għall-konformità tal-produtturi mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Dan ir-rieżami x'aktarx li jwassal għal soluzzjonijiet alternattivi li huma aktar effettivi u inqas ta' piż.

Or. en

Emenda 31
Ana Vasconcelos, Jeannette Baljeu

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) B'mod partikolari, minħabba dak in-nuqqas ta' armonizzazzjoni, ***b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kurrenti fil-leġiżlazzjoni settorjali għall-ħatra*** ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur***, it-twettiq tal-obbligi relatati mal-ħatra*** jista' jirriżulta f'piż amministrattiv bla bżonn fuq ***il-prodotturi*** li joperaw f'bosta Stati Membri fejn ***huma*** ma jkunux stabbiliti ***fihom. B'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-obbligu li jinħatru rappreżentanti awtorizzati separatament f'kull Stat Membru fejn il-produttur jintroduċi prodotti fis-suq jippreżenta sfida sinifikanti f'termini tal-kostijiet***. Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-produtturi stabbiliti fl-Unjoni, huwa importanti li l-produtturi jkunu soġġetti għall-istess regoli fl-Istati Membri kollha għall-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Il-qafas legali li bħalissa huwa frammentat għal prodotti differenti u l-piż amministrattiv assoċjat mal-issodisfar tar-rekwiżit li jinħatar rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur ***f'mhux aktar minn*** 26 Stat Membru qed ixekkel il-kompetittività tal-produtturi stabbiliti fl-Unjoni. Għalhekk huwa kruċjali li r-regoli eżistenti jiġu	(4) B'mod partikolari, minħabba dak in-nuqqas ta' armonizzazzjoni, ***l-issodisfar tal-obbligi relatati mal-ħatra*** ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur jista' jirriżulta f'piż amministrattiv ***u finanzjarju*** bla bżonn fuq ***l-intrapriżi mikro u żgħar*** li joperaw f'bosta Stati Membri fejn ma jkunux stabbiliti. Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-produtturi stabbiliti fl-Unjoni, huwa importanti li l-produtturi jkunu soġġetti għall-istess regoli fl-Istati Membri kollha għall-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Il-qafas legali li bħalissa huwa frammentat għal prodotti differenti u l-piż amministrattiv assoċjat mal-issodisfar tar-rekwiżit li jinħatar rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur ***f'massimu ta'*** 26 Stat Membru qed ixekkel il-kompetittività tal-produtturi stabbiliti fl-Unjoni. Għalhekk huwa kruċjali li r-regoli eżistenti jiġu armonizzati b'mod effettiv u minnufih, biex jitnaqqsu l-piżijiet assoċjati fuq dawn il-produtturi. Għal dan il-għan, ***sospensjoni mmirata u temporanja tal-obbligi li jinħatar rappreżentant awtorizzat jenħtieġ li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u tal-kostijiet ta' konformità fejn dawn ikunu l-aktar sinifikanti, b'mod***

armonizzati b'mod effettiv u minnufih, biex jitnaqqsu l-piżijiet assoċjati fuq dawn il-produtturi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tirrieżamina l-effettività, il-piż amministrattiv u l-ostakli mhux intenzjonati għas-suq intern***, tal-obbligu li taħtar rappreżentanti awtorizzati*** bħala salvagwardja għall-konformità tal-produtturi mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Dan ir-rieżami ***x'aktarx li jwassal għal*** soluzzjonijiet alternattivi li huma aktar effettivi ***u*** inqas ta' piż.

partikolari għall-intrapriżi mikro u żgħar stabbiliti fl-Unjoni, filwaqt li jinżammu salvagwardji xierqa biex jiġu żgurati t-traċċabbiltà, l-infurzar effettiv u l-konformità mar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produttur. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tirrieżamina l-effettività ***tal-obbligu li jinħatru rappreżentanti awtorizzati***, il-piż amministrattiv ***relatat miegħu*** u l-ostakli mhux intenzjonati ***possibbli*** għas-suq intern bħala salvagwardja għall-konformità tal-produtturi mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Dan ir-rieżami ***jenħtieġ li jappoġġa l-identifikazzjoni ta'*** soluzzjonijiet alternattivi li huma aktar effettivi***,*** inqas ta' piż ***u adattati aħjar biex jiffaċilitaw l-attività ekonomika transfruntiera fl-Unjoni***.

Or. en

Emenda 32
Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Roman Haider, Marie-Luce Brasier-Clain, Antonín Staněk, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li huma parti essenzjali min-nisġa ekonomika Ewropea, huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-obbligi amministrattivi marbuta mar-responsabbiltà estiża tal-produttur, b'mod partikolari minħabba r-riżorsi u l-volumi tal-produzzjoni tagħhom. Dak il-piż amministrattiv jenħtieġ li jitqies fid-dawl ta' kuntest ġenerali li huwa partikolarment sfavorevoli għall-kompetittività tan-negozji tagħna u prinċipalment huwa kkawżat mill-istandards dannużi li jirriżultaw mill-Patt Ekoloġiku.

Or. fr

Emenda 33
Emma Fourreau, Catarina Martins, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq il-produtturi, u jitnaqqas il-piż amministrattiv, il-produtturi tal-batteriji u l-produtturi tal-imballaġġ jew tal-prodotti imballati ("produtturi tal-imballaġġ") jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu jekk jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur meta jintroduċu prodotti fis-suq ta' Stat Membru ieħor fejn ma jkunux stabbiliti, iżda jenħtieġ li l-ħatra ma tkunx obbligatorja. Dan jippermetti lil dawk il-produtturi li jkunu diġà ħatru rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur iżommu l-arranġamenti eżistenti tagħhom, filwaqt li jtaffu minnufih il-kostijiet u l-piż amministrattiv għall-produtturi li jkunu jixtiequ li ma jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 34
Delara Burkhardt, Elisabeth Grossmann
f'isem il-Grupp S&D
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq il-produtturi**,** u jitnaqqas il-piż amministrattiv, il-produtturi ***tal-batteriji u l-produtturi*** tal-imballaġġ ***jew***	(5) Bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq il-produtturi u jitnaqqas il-piż amministrattiv, ***il-mikrointrapriżi biss, kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva***

tal-prodotti imballati (“produtturi tal-imballaġġ”) jenħtieġ li ***jkunu*** jistgħu jagħżlu jekk jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur meta ***jintroduċu*** prodotti fis-suq ta’ Stat Membru ieħor ***fejn*** ma jkunux stabbiliti***, iżda jenħtieġ li l-ħatra ma tkunx obbligatorja***. Dan jippermetti lil dawk il-produtturi li ***jkunu diġà*** ħatru rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur iżommu l-arranġamenti eżistenti tagħhom, filwaqt li ***jtaffu*** minnufih il-kostijiet u l-piż amministrattiv għall-produtturi li jkunu jixtiequ li ma jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.	***2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, minn fost*** il-produtturi tal-imballaġġ ***u*** tal-prodotti imballati (“produtturi tal-imballaġġ”)***,*** jenħtieġ li***, fuq bażi temporanja, ikunu*** jistgħu jagħżlu jekk jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur meta ***jagħmlu disponibbli*** prodotti fis-suq ta’ Stat Membru ieħor ***li*** ma jkunux stabbiliti ***fih***. Dan jippermetti lil dawk il-produtturi li ***huma mikrointrapriżi li diġà jkunu*** ħatru rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur iżommu l-arranġamenti eżistenti tagħhom, filwaqt li ***jtaffi*** minnufih il-kostijiet u l-piż amministrattiv għall-produtturi ***li jkunu intrapriżi mikro*** li jkunu jixtiequ li ma jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur. ***Fl-istess ħin, il-produtturi stabbiliti barra mill-Unjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-obbligu li jaħtru rappreżentant awtorizzat biex jiġu żgurati l-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ir-responsabbiltà legali, is-sorveljanza effiċjenti tas-suq u kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed exemption should remain strictly targeted and proportionate. Extended producer responsibility schemes for batteries are already operational and functioning in many Member States. Any suspension or modification of related compliance obligations should only be undertaken with proper impact assessments to not risk undermining established financing and enforcement structures. By contrast, EPR systems for textiles are still in the process of being fully implemented or further developed across the Union and therefore targeted and proportionate transitional measures may be appropriate to facilitate market participation for micro enterprises without disrupting functioning systems. While the administrative and compliance costs linked to the appointment of an authorised representative may represent a disproportionate burden for micro enterprises, this is generally not the case for bigger economic operators active in cross-border trade. It is therefore appropriate to limit any temporary suspension of the obligation to appoint an authorised representative strictly to micro enterprises established in the Union and to product areas where EPR systems are not yet fully operational at Union level.

Emenda 35

Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq il-produtturi, u jitnaqqas il-piż amministrattiv, ***il-produtturi tal-batteriji u l-produtturi*** tal-imballaġġ jew tal-prodotti imballati ("produtturi tal-imballaġġ") jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu jekk jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur meta ***jintroduċu*** prodotti fis-suq ta' Stat Membru ieħor fejn ma jkunux stabbiliti, iżda jenħtieġ li l-ħatra ma tkunx obbligatorja. Dan jippermetti lil dawk ***il-produtturi*** li jkunu diġà ħatru rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur iżommu l-arranġamenti eżistenti tagħhom, filwaqt li jtaffu minnufih il-kostijiet u l-piż amministrattiv ***għall-produtturi*** li jkunu jixtiequ li ma jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur.	(5) Bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti fuq il-produtturi, u jitnaqqas il-piż amministrattiv, ***ċerti mikroprodutturi*** tal-imballaġġ jew tal-prodotti imballati ("produtturi tal-imballaġġ") jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu jekk jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur meta ***jagħmlu disponibbli*** prodotti fis-suq ta' Stat Membru ieħor fejn ma jkunux stabbiliti, iżda jenħtieġ li l-ħatra ma tkunx obbligatorja. Dan jippermetti lil dawk ***il-mikroprodutturi*** li jkunu diġà ħatru rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur iżommu l-arranġamenti eżistenti tagħhom, filwaqt li jtaffu minnufih il-kostijiet u l-piż amministrattiv ***għal ċerti mikroprodutturi*** li jkunu jixtiequ li ma jaħtrux rappreżentant awtorizzat għar-responsabbiltà estiża tal-produttur. ***Dan jenħtieġ li jkun applikabbli biss għall-mikroprodutturi li jagħmlu disponibbli biss ammonti limitati ta' imballaġġ jew prodotti imballati fis-suq ta' Stat Membru ieħor fejn ma jkunux stabbiliti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li timmodifika l-livell limitu tat-tunnellaġġ permezz ta' att delegat.***

Or. en

Emenda 36
Ana Vasconcelos, Jeannette Baljeu

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Bil-għan li jiġu ssimplifikati r-	(5) Bil-għan li jiġu ssimplifikati r-

